MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tas-7 ta' Frar, 2007

Rikors Numru. 576/2006

**BANK OF VALLETTA plc**

**vs**

**Warren DEBONO**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors maħluf imressaq fit-23 ta' Ġunju, 2006, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra r-rikorrent talab li l-Qorti terġa' tagħmel eżekuttiva s-sentenza mogħtija fil-25 ta' Frar, 1993, fil-kawża fl-ismijiet premessi (Kawża Nru. 1343/92JF) u dan billi għaddew aktar minn ħames (5) snin minn meta l-imsemmija sentenza saret eżekuttiva;

Rat li l-intimat notifikat ma ppreżentax risposta u lanqas deher għar-rikors meta msejjaħ bil-mezz tal-affissjoni u pubblikazzjoni għall-finijiet tal-art 187(3) tal-Kap 12;

Rat li r-rikorrenti kkonferma bil-ġurament il-kontenut tar-rikors u iddikjara li ma tħallas xejn fil-mori ta’ dawn il-proċeduri;

Illi għalhekk it-talba tar-rikorrenti tirriżulta ġustifikata u għalhekk tilqa’ t’talbiet tal-istess rikorrenti.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------